FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 12 TA' FRAR 2001

PULIZIJA
SPETTUR MARTIN E BAYLISS
SPETTUR MARTHESE MICALLEF
VS
JOSEPH MUSCAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Muscat ta' 41 sena, bin il-mejjet John u Carmen mitwielda Bugeja, imwieled tal-Pieta, fit-23 ta' Novembru 1958 u joqghod 74, Triq San Gorg, Bormla, u li ghandhu in-numru tal-karta tal-identita 770158(M) talli nhar il-gimgha, u cioe l-11 ta' Frar 2000, xi hin bejn il-5.30pm u s-6pm minn Triq Santu Roccu Bormla, ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Vauxhall Nova, li ghandha n-numru tar-registrazzjoni EAB-027, proprjeta ta' Christopher Zammit minn Bormla, u liema vettura hija valutata li tiswa aktar minn Lm550 (hames mitt liri maltin) izda ma teccedix il-Lm5000 (hamest elef liri maltin), ghad-dannu ta' l-istess Christopher Zammit minn Bormla, u liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin u dan ai termini tal-artikoli 267 u 270 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, hekk kif imsemmi fl-akkuza precedenti, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe vettura tal-ghamla Vauxhall Nova bin-numru tar-registrazzoni EAB 027, proprjeta ta' Christopher Zammit minn Bormla, mehuda b'qerq, jew akkwistata b'reat, jew,

xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, u dan kollu ai termini tal-Artikoli 334, tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli nhar il-Gimgha, u cioe l-11 ta' Frar 2000, xi hin bejn it-8pm u 9pm ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn residenza bl-isem ta' Lelmon, Triq Is-Sur, Fgura u lieam serq jeccedi l-Lm100 (mitt lira maltin) izda ma jeccedix l-Lm500 (hames mitt liri maltin), ghad-dannu ta' Ian Pulis mill-Isla, u liema serq huwa aggravat bil-ksur, bil-valur, bil-lok u bil-hin u dan kollu ai termini ta' l-Artikoli 264, 267, 269 u 270 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli nhar il-Gimgha, u cioe l-11 ta' Frar 2000, xi hin bejn is-7pm u t-8pm bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni li taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt ta' serq aggravat, billi sgassa b'lieva l-bieb principali tar-residenza 10, Edenrose, Triq il-Pepprin, Fgura izda liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u dan ghad-dannu ta' Annalise Calleja mill-Fgura, u dan kollu ai termini tal-artikoli 41(1)(a), 264, 267, 269, u 270 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli nhar il-Gimgha, u cioe l-11 ta' Frar 2000, f'diversi hinijiet matul il-gurnata, f'difersi postijiet ta' Malta, saq motor car, ta' l-ghamla Vauxhall Nova, proprjeta ta' Christopher Zammit minn Bormla, li ghandha n-numru tar-registrazzjoni EAB 027, minghajr licenzja tas-sewqan, jew motor car li ma jkolliex licenzja, jew that l-influwenza ta' xorb jew drogi jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz, u dan kollu ai termini ta' l-artikoli 15(1)(A), tal-kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, imsemmija fl-akkuza precidenti saqt vettura ta' l-ghamla Vauxhall Nova, lki ghandha n-numru tar-registrazzjoni EAB 027, proprjeta ta' Christopher Zammit minn Bormla, minghajr polza tas-sigurta jew garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni, u dan kollu ai termini tal-artikolu 3 tal-kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli huwa ricediv b'diversi sentenzi definittivi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u kif wkoll tal-Qorti tal-Magistrati (Malta, fejn fl-4 ta' Frar 1994, kien instab hati li kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina, u kien ikkundannat sena prigunerija u kif wkoll immultat Lm1000, u wkoll talli fis-6 ta' Dicembru 1994, kien ikkundannat sentejn u nofs prigunerija wara li kien instab hati fuq serq u kif wkoll fit-3 ta' Marzu 1997, kien ikkundannat disa xhur prigunerija wara li kien instab hati fuq misapproprijazzjoni, u kif wkoll nhar it-12 ta' Dicembru 1996 minn Awla nru 15, kien immultat Lm250 wara li instab hati bi ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku u kif wkoll talli nhar it-2 ta' Dicembru 1997 min Awla nru 8, instab hati fuq attentat ta' serq mill-Macina, Isla u immultat Lm400.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Geenrali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-5 ta' Mejju 2000 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat tal-21 ta' Frar 2000.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza ghajr ghat-tieni akkuza u wara li rat Art 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267,

269, 270, 278, 330, 279, 280, 281, 41(1)(a), 20, 289, 49, 50, 31, 23, 533 kap 9, Art 15(1)(a) u 18 tal-kap 65, Art 3 kap 104, tikkundannah ghal sentejn prigunerija, multa ta' Lm250 u skwalifika ta' licenzja ghal perjodu ta' sena.

Din il-piena qeghda tinghata wara li l-Qorti kkonsidrat il-fedina penali tal-imputat li hija ta' 16 il-faccata u rat id-diversi opportunitajiet li gie moghti l-imputat inutilment sabiex l-imputat jbiddel hajtu. Il-Qorti kuntrarjament ghal dak li ssollevat id-difiza ma tistghax turi hniena ghaliex l-imputat huwa halliel bhal hila u mhux professional thief a kuntrarju li l-imputat huwa a professional thief fallut – u dan il-fatt ma jimmeritax xi skont fil-piena.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.